MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 444/2008

**Agius Stone Wokrs Limited (C 9202)**
**vs**
**Sign It Limited (C 32228)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ippremettiet:

Illi l-kumpanija ntimata kienet preċedentement magħrufa bl-isem SI Design Limited u hija ċessjonarja tal-obligazzjonijiet tal-kumpanija Sign It Limited (C13831) u dan wara illi saret diviżjoni ta' l-istess kumpanija Sign It Limited (C13831) a tenur tal-Artikolu 360 *et sequitur* tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta);

Illi l-kumpanija ntimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il elf seba' mija wieħed u tletin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€12,731.35) ekwivalenti għal ħamest elef erba' mija ħamsa u sittin lira Maltin u seba' u ħamsin ċenteżmu (Lm5,465.57) oltre l-imgħax legali kummerċjali rappreżenanti bilanċ minn somma akbar prezz ta' kiri u armar ta' *scaffolding* għal tlett avvenimenti separati fuq appalt mogħti lilha mill-kumpanija ntimata;

Illi għalkemm interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammonti dovuti minnha kemm kapitali kif ukoll l-imgħax inkluz b'ittra uffiċjali datata 22 ta' Frar, 2008 u diversi ittri nterpellatorji oħra, l-kumpanija ntimata naqset milli tħallas u għalhekk il-kumpanija rikorrenti ma kelliex triq oħra ħlief illi tagħmel din il-kawża;

Illi l-ammont dovut mill-kumpanija ntimata huwa ċert, likwidu u dovut u sa fejn taf il-kumpanija rikorrenti l-kumpanija ntimata ma għandiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba tal-kumpanija rikorrenti għall-ħlas ta' l-istess;

Illi għalhekk jeżistu l-elementi meħtieġa għal proċedimenti sommarji speċjali a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

Għaldaqstant il-kumpanija rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), jogħoġobha:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-kumpanija ntimata Sign It Limited hija debitriċi tal-kumpannija rikorrenti Agius Stone Works Limited fis-somma ta' ta' tnax-il elf seba' mija wieħed u tletin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€12,731.35) ekwivalenti għal ħamest elef erba' mija ħamsa u sittin lira Maltin u seba' u ħamsin ċenteżmu (Lm5,465.57) oltre l-imgħax legali kummerċjali rappreżentanti bilanċ minn somma akbar prezz ta' kiri u armar ta' *scaffolding* għal tlett avvenimenti separati fuq appalt mogħti lilha mill-kumpanija ntimata;

2. Tordna lill-kumpanija ntimata tħallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta' ta' tnax-il elf seba' mija wieħed u tletin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€12,731.35) ekwivalenti għal ħamest elef erba' mija ħamsa u sittin lira Maltin u seba' u ħamsin ċenteżmu (Lm5,465.57) oltre l-imgħax legali komputat skond l-Artikolu 26A *et sequitur* tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Bl-ispejjeż kontra l-kumpanija ntimata inkluz tal-ittra uffiċjali datata 22 ta' Frar, 2008 u tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma dan ir-rikors maħluf u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni.

Rat li l-kumpanija intimata debitament notifikata baqghet ma deheritx u ghalhekk waqghet kontumaci;

Semghet lill Avukat difensur tas-socjeta' rikorrent;

Rat id-dokumenti ezibiti;

Fic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' kontestatazzjoni;

**Decizjoni**

Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti
Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------